MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### MIRIAM HAYMAN

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Numru. 1160/2013

**Il-Pulizija**
**Spettur Chris Pullicino**

**VS**

**Omissis;**
**Stephen Zammit detentur tal-karta tal-identita' numru 315975M;**

## Il-Qorti;

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Stephen Zammit** li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-28 ta' Gunju, 2002, fl-Imtarfa, ghal-habta tal-11 ta' filghodu, bil-hsieb li jikkometti delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt ta' serq minn gewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAV648 li kienet ipparkjata fi Triq San David, Mtarfa, l/o Rabat, liema oggetti huma stmati li jiswew aktar minn mitt lira Maltin (Lm100.00) izda anqas minn elf lira Maltin (Lm1,000.00), liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu, u liema delitt ta' serq li kieku sehh kien ikun aggravat bil-valur u bin-natura tal-oggett misruq, u dan ghad-dannu ta' Carmel Galea;

2. U aktar talli rrenda ruhu rediciv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

3. U aktar talli kiser il-provvediment tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' sentenzi datati 29 ta' Settembru, 2000; u 11 ta' Lulju, 2001, fejn huwa kien misjub hati ta' reat u liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt (3) snin f'kull kaz.

Rat illi l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji, kif ukoll illi wiegeb illi ma kinx hati tal-istess akkuzi;

Rat ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ghal tali proceduri;

Rat illi din il-kawza u d-decizjoni, stante t-talba ghal separazzjoni tal-gudizzju milqugha, hija biss fil-konfront ta'

Stephen Zammit (ara verbal datat 20 ta' Novembru, 2013 a folio 118).

Ghalhekk rat l-atti kollha tal-kawza u semghet it-trattazzzjonijiet.

Xehed l-**Ufficjal Prosekutur** li ezebixxa biss l-istqarrijiet ta' dak iz-zmien iz-zewg ko-akkuzati. Ghall-iskop ta' dawn il-proceduri, giet ghalhekk ezebita l-istqarrija ta' Stephen Zammit, a folio 33, Dok SZ.

Ezebixxa wkoll l-Ufficjal Prosekutur ir-rizultanzi ta' ID parade li saret fil-Kwartjieri Generali tal-Pulizija, fit-3 ta' Lulju, 2002, ezebita bhala Dok CP1.

Dwar ir-ritratti ezebiti fil-konfront tal-ID parade (dawn illum jinsabu fil-process kontra Brooks Lia, stante s-separazzjoni ta' gudizzju), xehed **PC 1147 Antoine Fenech** illi kkonferma li kien hu li ha r-ritratti ta' din l-ID parade.

Jirrizulta li fiz-zewg ID parades li saru, gie dejjem identifikat Stephen Zammit, Dok CP u CP1 folio 37 u 38. Dan gie identifikat minn certu **Carmelo/Charles Galea**. Qal dan illi qaghad jittawwal mill-gallarija tar-residenza tieghu u ra persuna tittawwal gol-Land Rover tieghu. Raha anke ddahhal idejha minn got-tieqa tal-vettura li skondtu kienet miftuha. Qal illi hareg jghajjat ma' din il-persuna, staqsieha x'kienet qed taghmel. Qal illi kif din il-persuna rat hekk, rikbet fil-vettura li kienet qed tistenna. Xehed illi fil-fatt kienu tnejn minn nies, pero ma rax min kien hemm fil-karozza. Iddeskriva din il-karozza bhala wahda Audi Gold, li taghha ha n-numru tar-registrazzjoni – BBB171. Spjega li hu ma kinx 'il boghod hafna. Ikkonferma li anke ghamel l-ID parade d-Depot, u li

kien anke gharaf lill-persuna. Ikkonferma li hu kien identifika n-numru 3 u 6 fil-line-up. Ikkonferma wkoll ir-ritratti li minnhom kien gharaf lill-persuna ndikata. Ikkonferma li din il-persuna li hu kien identifika kienet dik il-persuna li huwa kien ra ddahhal idejha fil-Land Rover tieghu. Ikkonferma li l-Land Rover in kwistjoni kienet fil-fatt tieghu (IAV648), u li kienet ilha ghandu tlitt (3) snin. Qal illi kien xtraha elf Lira Maltin (Lm1,000.00) tlett snin qabel u li l-kontenut taghha ma kinx ta' xi valur. Ikkonferma li fil-vettura kellu radio li ghalih ma kinx iqum hafna flus.

L-**Ispettur Marthese Micallef** xehdet dwar ir-rapport li kien ghamel Carmelo Galea dwar serq mill-vettura tieghu. Ikkonfermat l-istqarrija rilaxxata minn Stephen Zammit. Ikkonfermat ukoll illi kienet prezenti ghall-ID Parade.

**Brian Farrugia** ghan-nom tad-Direttur tal-Licensing and Testing (dak iz-zmien), xehed dwar il-vettura Land Rover IAV647. Qal illi din kienet tghajjat lil certu Carmelo Galea. Mistoqsi biex jixhed dwar il-vettura BBB171 wiegeb illi ma giex hekk mitlub.

Fil-fatt, ghalkemm dan ix-xhud kellu jigi mharrek ghal seduta ohra, dan baqa' qatt ma sar. Anzi, ghal snin shah, nonostante diversi twiddibiet tal-Qorti, dawk biss kienu l-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni, sakemm il-Qorti ordnat fis-sena 2011 illi jinbdew il-provi tad-Difiza. Dan ukoll qatt ma gara.

Illi fil-fatt kien biss Carmelo Galea li identifika lil Zammit bhala l-persuna li ppruvat tisirqu mill-Land Rover. Minn naha tieghu Stephen Zammit innega kull involviment f'dan ir-reat fl-istqarrija tieghu.

Pero fl-istess stqarrija, senjalament Zammit jikkonferma li fil-fatt kien fil-presenza ta’ Brooks Lia. Ikkonferma li hu ried ipartat il-vettura tieghu ma’ dik ta’ Lia, li nzertat Audi. Ikkonferma li huma fil-fatt marru dawra bil-vettura Audi. Ghalkemm baqa’ jinnega li hu kien involut f’dan l-attentat ta’ serq, ikkonferma li s-sewwieq nizel mill-vettura biex jivverifika jekk kellux puncture. Baqa’ neganti li hu pero qatt nizel mill-karozza Audi.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti ghamlet referenza ghal dak illi Stephen Zammit qal fl-istqarrija, tenut kont tal-istat tal-fedina penali tieghu – *altro che’* bniedem Stephen Zammit illi kellu esperjenza ferm ampja ta’ investigazzjoni.

Rat ukoll is-sentenzi ezebiti mill-Ispettur Chris Pullicini in sostenn tar-recidiva li jikkoncernaw biss lil Brooks Lia – il-ko-akkuzat qabel ma saret is-separazzjoni tal-gudizzju.

Rat l-akkuzi tal-ksur tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta, pero rat illi ma ngabet ebda prova legali ta’ dan, ghajr ghall-fedina penali.

Ikkunsidrat:

Illi considerando dak kollu espost, specjalment dak illi stqarr l-istess imputat u r-rizultanzi tal-ID parade, u x-xhieda ta’ Carmelo Galea, qieghda ssib htija wara li rat l-Artikoli 41, 261, 267, 271, 279, 280, u 21 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ukoll il-fedina penali aggornata tal-imputat, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ tmintax(18)-il xahar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------